Minuti tad-9 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar l-Erbgha 18 ta' Settembru, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 4.50pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-8 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tat-8 laqgha gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Kazijiet ta' Storbju f'residenzi kummercjali u privati fl-Gharb**

2.1 Is-Sindku spjega li kif kulhadd kien sema' dan l-ahhar inqala' incident minhabba storbju gewwa farmhouse li tinkera gewwa l-lokalita'. Il-Kunsill innota' li din hija problema li qed isehh ta' spiss u li hawn diversi ilmenti minn residenti li qed ikollhom jikkomunikaw mall-pulizija minhabba din il-problema.

Is-Sindku issuggerixxa li ghandha tintalab ligi li tirrigwardja l-kera ta' farmhouses u simili u tintbghat ittra registrata lil kull sid ta' dawn l-istabilimenti. Il-Kunsill qabel ukoll li f'din l-ittra li ghandha tigi drafted mill-avukat ghandha tinghata informazzjoni dwar il-gbir ta' skart li tinkludi ukoll sticker biex titwahhal fl-istabilment b'informazzjoni ulterjuri kif ukoll dwar il-parkegg fil-lokalita'.

Il-Vici Sindku Louis Apap semma ukoll possibilita' li tigi introdotta skema ta' parkegg residenzjali. F'dan ir-rigward is-Sindku issuggerixxa li minflok skema ta' din ix-xorta jistghu jigu identifikati eghlieqi f'diversi zoni madwar il-lokalita' fejn wara li jigi ikkuntatjat is-sid jigi diskuss il-possibilita' u l-mezz ta' kif jistghu jintuzaw dawn l-eghlieqi ghall-vizitaturi u dan minflok tigi introdotta skema ta'

parkegg residenzjali. B'hekk tkun qeghda tigi minimizzata l-problema ta' parkegg fiz-zona residenzjali.

Emanuel Muscat issuggerixxa sabiex isir studju sabiex jigu identifikati l-postijiet residenzjali kif ukoll dawk l-istabilmenti li jinkrew.

Il-Kunsill iddiskuta' l-problema ta' l-Iskart Domestiku li hemm f'diversi zoni madwar l-lokalita'. Ghal dan il-ghan il-Kunsill qabel li ghandha tohrog offerta' ghall-installazzjonit ta' CCTV Cameras li tkun qeghda iddur minn post ghal iehor principalment fiz-zoni tal-Fgura, San Pietru, Triq Trux, Birbuba, Pjazza Gerano kif ukoll Triq i-Gdida. Emanuel Muscat issuggerixxa ukoll li peress li c-CCTV Camera tkun qeghda timxi minn post ghall-iehor jehlu cameras finti f'kull post sabiex ikun jidher li dejjem hemm camera imwahhla.

**3.0 Tigdid ta' Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv**

3.1 Lisa Brooke irtirat mil-laqgha minhabba interess familjari. Il-Kunsill qabel unanimement li ghanda tigi imgedda l-hatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

Lisa Brooke regghet dahlet lura fil-kamra.

**4.0 Kwotazzjoni M323-20**

4.1 Il-Kunsill fetah il-kwotazzjonijiet M323-20 – ghal *Supply and Installation of Travertine Gutter*, liema kwotazzjonijiet ghalqu fit-18 ta' Settembru fl-10AM. Dawn il-kwotazzjonijiet huma sabiex isir gutter tat-travertine madwar il-funtana li hemm fil-Pjazza Zjara tal-Madonna biex l-ilma tal-funtana jkun jista' jingabar u jerggha jintuza u b'hekk ma jintilifx. Gew sottomessi zewg offerti wahda minn A.F. Ellis (Marble Works) Limited ghall-prezz ta' €1750 u ohra minn Gozo Concrete Products Ltd ghall-prezz ta' €5500. Il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni ghandha tinghata lil A.F. Ellis (Marble Works) Limited peress li kienet l-irhas offerta' sottomessa.

**5.0 Halloween Party**

5.1 Is-Sindku spejga li ta' kull sena l-Kunsill jorganizza halloween party fejn it-tfal li jattendu ikunu jistghu jigu bil-kostum u jaraw film filwaqt li jkun hawn face painter u balloon modelling. Fl-ahhar tas-serata t-tfal jinghataw helu u token zghira. Il-Kunsill qabel li ghal din is-sena ghandha tigi organizzata din l-attivita'.

**6.0 Lehen il-Punent**

6.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li bhalissa qed isiru l-preparamenti sabiex jigi ippubblikat fuljett iehor. Is-Sindku fakkar

ukoll lill-Kunsilliera sabiex jippreparaw il-messagg tagghom ghal fuq il-fuljett.

**7.0 Skeda ta' Pagamenti**

7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha. B'zieda ma' dawn gew approvati ukoll il-kont ta' Salvu Cilia ghall-ammont ta' €375.50 bhala tindif kif ukoll il-kont tal-Perit Vella ghall-ammont ta' €236.00 ghat-twessiegh ta' Triq il-Knisja.

**8.0 Korrispondenza u materji ohra**

8.1 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-Minibus ta' l-iskola peress li s-sena ma inghatawx il-fondi taht l-iskema ta' sports, fil-prezent qeghdin jigu studjati mezzi ta' kif tista' tinhadem din is-sena.

8.2 Emanuel Muscat staqsa dwar ir-rampi, il-patching ta' Triq Trux u xogholijiet fuq il-bankini li kellhom isiru. Is-Sindku spiega li qed isir il-kalkoli mehtiega min-naha tal-Perit dwar ir-rampi minhabba il-materjal sabiex naraw jekk dawn jistghux isiru minn Emanuel Saliba u Raymond Rotin.

8.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jiltaqa' ma' Dr. Grezzju Mercieca Chief of staff fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex biex jiddiskutu l-problema tal-haddiema u ix-xogholijiet pendenti li thallew mil-haddiema li kienu qabel assenjati mal-Kunsill.

8.4 Emamuel Muscat staqsa dwar meta ser jibdew ix-xogholijiet tal-Main ta' l-Ilma u ta' l-Enemalta li ghandhom isiru fi Triq Virtu'. Is-Sindku spjega li dawn ghadhom ma jistghux jibdew minhabba x-xogholijiet fi Triq San Lawrenz.

8.5 Is-Sindku informa lil Kunsill li r-residenti Debrincat li ghandhom propjeta' fi Triq Dun Alwig Mizzi kantuniera mall-Pjazza Zjara tal-Madonna kienu bghatu ilmenti lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minhabba intejjen wara li sar l-Culvert f'din l-imsemmija triq. Is-Sindku spjega li gie ikkuntatjat il-Perit sabiex tkun tista' tintbghat risposta f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li l-bankina ta' l-istess residenza mhux possibli li ssir wiesa' ta' metru f'dan il-post u lanqas huwa possibli li ssir fl-immedjat minhabba x-xogholijiet infrastrutturali li ghaddejjin bihom fi Triq San Lawrenz fejn f'din iz-zona ikun hawn flow kbir ta' traffiku u ghalhekk jekk issir bankina tinholoq problema.

8.6 Il-Vici Sindku staqsa dwar x'sar mill-Applikazzjoni PC0026/13 fejn is-Sindku spjega li ghandha issir laqgha mall-MEPA sabiex jigi diskuss

dan il-kaz fejn fih ser jissemmew il-punti li diga ssemmew fl-ittra li intbghatet lill-MEPA.

8.7 Il-Membri tal-Kunsill gew infurmati li fl-24 ta' Settembru ser taghlaq l-offerta' M323/21 ghar-Restwar tal-Faccata tal-Knisja u huma qeghdin jigu mistiedna biex jattendu. Il-Kunsill qabel li ghal din l-offerta' ghandu jinhatar l-istess board ta' evalwazzjoni li inhatar ghall-M323/19 li kien kompost minn Dr. Joshua Grech, Dr. Josette Spiteri u Paul Zahra.

8.8 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li hu kien gie infurmat li jista' jkun li ser ikun gurat waqt kawza tal-qorti u li ghalhekk jekk jintaghzel il-Vici Sindku ser ikun qed jaqdi d-dmirijiet tieghu f'dan in-nuqqas.

## 9.0 Korrispondenza

9.1 Minghand il-Ministeru ghal Ghawdex fir-rigward ta' kors tal-Universita' tat-tielet eta' f'Ghawdex 2013-2014.

9.2 Minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fejn il-Kunsill gie mgharraf li s-servizz li kien qed jinghata mill-Kunsill qieghed jintemm.

9.3 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward ta' Memo 17/2013 fejn il-Kunsill gie mgharraf li ser jinghata l-ammont ta' €2300 bhala ghajnuna finanzjarja ghall-*Live Streaming*.

9.4 Minghand ic-Charperson tal-Car Free Day Preparatory Committee fejn it-talba li saret min-naha ta' l-Gharb Rangers FC ma gietx milqugha.

## 10.0 Aggornament

10.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar il-Hamis 24 ta' Ottubru, 2013.

7.2 Il-laqgha spiccat hin 5.35pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv